# It-Tifkira tal-Vittmi tat-Tieni Gwerra f'Ta' Sannat



Mons. Anton Mizzi

It-tieni gwerra dinjija fis-seklu l-ieħor kienet laqtet sew lir-raħal ta' Sannat u l-effetti tagħha kienu bosta. Mhux biss ħafna djar waqgħu jew iġġarfu, imma l-imwiet tan-nies u ta' dawk feruti kien konsiderevoli għad-daqs tal-gżira ta' Għawdex. Kienet ġrajja tassew kiefra li ħalliet niket kbir, disgrazzja li seħħet fil-qalba tar-raħal tagħna. Sa minn ċkuniti ma niftakarx bini mwaqqa' jew imġarraf bil-gwerra, għaliex fis-snin ta' wara l-gwerra, il-bini kollu li kien iġġarraf, inbena mill-ġdid u l-ħsarat ġew irranġati. Minbarra r-rieda sħiħa tan-nies li jerġgħu jkomplu l-ħajja kif ukoll l-għajnuniet li jingħataw biex isiru t-tiswijiet, wieħed irid jiftakar li dak iż-żmien ħafna rġiel kienu jaħdmu fis-sengħa tal-bini: min jibni, min jonġor, min jaqta' l-ġebel fil-barrieri u jġorru bil-karettun jew bit-trakk lejn il-post tal-bini u ħafna xogħol ieħor konness miegħu. Niftakar li sa żmien lejn l-aħħar tas-snin sittin u fil-bidu tas-snin sebgħin kienu għadhom imorru ta' kull ġimgħa, kull nhar ta' Tnejn filgħodu, xarabank mimlija rġiel minn ta' Sannat lejn Malta biex jaħdmu, ħafna minnhom fis-sengħa tal-ġebel, biex ma ngħidx ukoll li aktar qabel kienu jmorru ħafna u ħafna iktar. Però li ħafna kienu jmorru jaħdmu lejn Malta ma kienx minn ta' Sannat biss, għaliex minn irħula oħra ta' Għawdex kienu wkoll jmorru jaħdmu hemm.

Ta' Sannat kien raħal kwiet fil-gżira ta' Għawdex bogħod mill-ajruporti jew portijiet fejn fihom kien hemm attività kbira ta' ajruplani tal-gwerra telgħin u niżlin jitqabdu fl-ajru u ta' vapuri tal-merkanzija jew tal-gwerra deħlin u ħerġin mill-portijiet u li kienu kontinwament maħbuta mill-għadu. Għawdex ma kienx fil-mira diretta bħalma kienet Malta, imma xorta seħħew xi attakki bil-bombi jew bil-maxingann u li fihom mietu u ndarbu nies jew iġġarfu djar. Kien hemm xi Għawdxin li mietu waqt is-servizz militari tagħhom f'Malta jew oħrajn li kienu jaħdmu fuq vapuri merkantili jew militari barra minn Malta u li għerqu minħabba li ġew attakkati mill-għadu. Minkejja dan ir-raħal tagħna però safa' milqut fl-eqqel tal-gwerra, forsi bl-ikbar digrazzja li saret f'Għawdex. Kien propju s-Sibt nhar l-10 ta' Ottubru 1942 qrib l-10.30a.m. meta żewġ ajruplani Ġermaniżi tefgħu żewġ bombi li heżżew qatigħ lir-raħal kollu.

## Rapporti fil-Gazzetti

Din il-ġrajja kienet ġiet irrappurtata fil-gazzetti ta' dak iż-żmien mill-għada l-Ħadd. Insemmi tlieta minnhom b'rappurtaġġ fil-qosor tal-ġrajja li seħħet f'Għawdex mingħajr ma jissemma l-isem ta' Sannat. L-għada tad-disgrazzja nsibu rapport f'**The Sunday Times of Malta** (by our Gozo Reporter) bl-Ingliż: "***Tragedy in Gozo.*** Within a week of the 3000th alert being sounded in Malta, bombs were again dropped on these Islands yesterday, our sister Island of Gozo being the sufferer. In one of yesterday's raids German "Junker 88's" were observed dropping heavy calibre bombs on a village in Gozo, the bombs' blast being felt in Victoria. Many of the houses in the village were blasted, several being completely demolished. Casualties were heavy, those fatal being in the vicinity of 16. Medical services and the A.R.P. worked unremittingly in succouring the wounded. Malta's sympathy goes out to the Sister Island." (The Sunday Times of Malta no 1117, Sunday Oct 11, 1942, p 1). Jumejn wara, jiġifieri t-Tnejn, kien hemm rappurtaġġ f'gazzetti oħra, u nsemmi tnejn minnhom bil-Malti. Fil-gazzetta **l-Berqa**: "***Traġedja f'Għawdex – Nies maqtulin u oħrajn midruba.*** Fi żmien ġimgħa mindu ngħata t-3000 sinjal ta' ħbit mill-ajru fuq Malta, bombi reġgħu ntefgħu fuq dawn il-Gżejjer nhar is-Sibt li għadda. Din id-darba batiet il-Gżira ta' Għawdex. F'wieħed mill-attakki li għamlu nhar is-Sibt li għadda l-Ġermaniżi, bombers "Junker 88", intlemħu jitilqu bombi mit-tqal fuq raħal f'Għawdex, u r-riħ ta' l-esplużzjonijiet inħass fil-belt Vittorja. Għadd kbir ta' djar fir-raħal ġarrbu ħsarat, u bosta ġew meqruda għal kollox. Il-għadd ta' nies li ndarbu kien kbir, u madwar 16-il ruħ sfaw maqtula. Tobba, infermieri u nies ta' l-A.R.P. ħadmu mingħajr mistrieħ biex jagħtu għajnuna lill-midruba. (Il-Berqa no 3288, it-Tnejn 12

t'Ottubru 1942, p 2). Imbagħad ukoll fil-**Leħen is-Sewwa**: *"**Traġedja f'Għawdex**.* Nhar is-Sibt, bombi ġew mitfugħin fuq Għawdex. Ajruplan Ġermaniż tat-tip Junker 88 ġie milmuħ jitfa' bombi ta' kalibru kbir fuq raħal f'Għawdex. Bosta mid-djar tar-raħal ġarrbu ħsara, u xi ftit ġew meqrudin għal kollox. Kien hemm diżgrazzji fost il-popolazzjoni ċivili. Ġie irrappurtat li 16 kienu fatali. Is-servizzi mediċi u n-nies tal-A.R.P. ħadmu kemm felħu biex igħinu lill-vittmi." (Leħen is-Sewwa no 2401, 15-il sena, it-Tnejn 12 ta' Ottubru 1942, p3).

Għalkemm f'dawn ir-rapporti jissemmew li kienu mietu 16-il persuna, però l-vittmi ta' din it-traġedja kienu 18, għaliex tnejn minnhom kienu mietu xi ġranet wara, effett tal-ġrieħi serji li kienu ġarrbu. Ma' dawn irridu nżidu wkoll l-għexieren l-oħra li sfaw feruti wħud minnhom serjament, tant li kellhom jgħaddu xhur għar-rikoverazzjoni fl-isptar. Minn dawn it-tmintax li mietu, tnax kienu adulti u sitta tfal jew trabi. Mis-sitt itfal, ħamsa minnhom mietu fuq il-post tat-tiġrif, jiġifieri fil-ħin tal-10.30a.m.: Elidia Zammit, Margerita, Joseph u Michael aħwa Galea, Mikiel Azzopardi, filwaqt li tarbija oħra, Margerita Teuma, mietet fix-xahar ta' wara, fit-30 ta' Novembru, effett tal-konsegwenzi li ġarbet bl-isplużjoni tal-bombi. L-età tat-tfal, tlieta subien u tlieta bniet, kienet tvarja minn tarbija ta' xahar sa l-akbar fosthom ta' sebgħa snin (APS, Liber Mort. Par. Vol II 1899-1950). It-tnax l-oħra kienu adulti, tlett irġiel u disa nisa: Salvu Curmi armel, erbgħa oħra miżżewġin li kienu Ġużepp Cini u tlett nisa, Grazzja Muscat, Ġużeppa Galea u Francisca Pace u sebgħa oħra ma kienux miżżewġa, ġuvni u sitt xebbiet: Pawlu Farrugia, Klara Galea, Catharina Saliba, Maria Muscat, Maria Tabone, Carmela Teuma u Carmela Galea. Għaxra minnhom mietu fuq il-post tat-tiġrif, jiġifieri fil-ħin tal-10.30a.m. u l-mewt tagħhom fir-reġistru tal-parroċċa hi deskritta hekk: "exploso bellico tormento ruina camerae eum/eam appressit" (bl-isplużjoni tal-bomba militari t-tiġrif tal-kamra/bini rass fuqu/ha). Peress li kienu fi stat x'aktarx li għadhom kif mietu, dawn kienu ngħataw "sub conditione Sacramentis Penitentiae et Extremae Unctionis" (taħt kundizzjoni s-sagramenti tal-Penitenza u l-Griżma tal-Morda). It-tnejn l-oħra, Salvu Curmi, l-aktar anzjan fost il-vittmi kollha, miet l-isptar ftit siegħat wara, preċiżament fis-1.30p.m., filwaqt li Carmela Galea mietet fix-xahar ta' wara fl-isptar ukoll, fil-21 ta' Novembru, konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrbu bl-isplużjoni. (APS, Liber Mort. Vol V 1942-1950 p.3-7; ara wkoll Frank Bezzina, **F'Għawdex Fi Żmien il-Gwerra**, 1981; **Il-Qilla tal-Gwerra Fuq Għawdex 1940-1943**, rivedut minn Charles Bezzina, 2000). Minn dawn it-tmintax li mietu, sitta huma midfuna fiċ-ċimiterju ta' Sannat u l-oħrajn fiċ-ċimiterju tar-Rabat, id-difna dejjem saret "die sequenti" (il-jum ta' wara) jiġifieri l-għada.

## It-Tifkiriet Matul is-Snin

Din il-ġrajja tal-attakk bil-bombi fuq ir-raħal tagħna baqgħet immarkata sew fil-moħħ tas-Sannatin. Ma jonqsux it-tifkiriet tagħha matul is-snin biex qatt ma tintesa. Insemmi l-ewwelnett li fir-raħal tagħna kienet issemmiet triq bid-data ta' din il-ġrajja, jiġifieri Triq l-10 ta' Ottubru 1942, liema triq qabel kienet parti minn Triq Żabbetta. Din tibda minn quddiem in-niċċa tad-Duluri fi Triq il-Kbira u tibqa' tiela taqsam Triq Pisoniano sakemm tmiss ma' Triq il-Qortina.

Għalkemm it-tifkira tal-ġrajja tissemma minn sena għall-oħra, partikularment fit-talba tal-quddiesa ta' dik il-ġurnata, però matul is-snin saru tifkiriet tagħha f'anniversarji diversi, kemm mill-Parroċċa kif ukoll mill-Kunsill Lokali ta' Sannat. Ħalli nsemmuhom, billi nibdew minn dik riċenti l-aħħar waħda.

Fl-10 ta' Ottubru 2017, il-Parroċċa organiżżat quddiesa tat-tifkira quddiem il-monument tal-vittmi li jinsab wara l-knisja, fi Triq Dun Xand Aquilina, quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali, fl-okkażjoni tal-75 sena minn meta kienu waqgħu l-bombi fuq ta' Sannat. Saret quddiesa mmexxija mill-Arċipriet Dun Michael Curmi (2015 - ) flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa, b'diskors qasir tal-okkażjoni mill-Arċipriet stess (*ara ritratt paġna 35*). Minbarra ħafna nies minn ta' Sannat u oħrajn minn barra r-raħal, kienu preżenti wkoll is-Sindku ta' Sannat, Philip Vella u l-kunsilieri oħra tal-Kunsill Lokali. Għal din il-kommemorazzjoni sar avviż fuq il-Bullettin li l-parroċċa tqassam ta' kull ġimgħa f'kull dar tar-raħal. Ma' dan l-avviż kien hemm ukoll ritratt li juri l-monument tal-vittmi tal-bombi fejn saret din iċ-ċelebrazzjoni (**ara Bullettin, 27 Ħadd 49 sena [3225] Ott 8, 2017**).

Fis-sena 2016, wara li sar it-tisbiħ fil-Pjazzetta tax-Xelina mill-Kunsill Lokali ta' Sannat, ma' tlett iġnub tagħha, kienu twaqqfu erbgħa pannelli (*Interpretation Panels*) b'ritratti flimkien ma' spjegazzjoni qasira bil-Malti u bl-Ingliż dwar bini jew ġrajjiet li huma marbuta mal-inħawi tal-istess Pjazzetta. Wieħed minnhom, dak fuq in-naħa tal-Punent, propju quddiem il-bini li warajh kienet waqgħet il-bomba, fih ritratti flimkien ma' tagħrif qasir dwar din il-ġrajja ta' l-10 ta' Ottubru 1942. B'hekk kull min iżur dan il-lokal, nies minn ta' Sannat u oħrajn,

fosthom ukoll ħafna barranin, jistgħu jkunu jafu aħjar l-istorja ta' din it-traġedja.

F'għeluq is-60 sena minn din it-traġedja li ġrat fir-raħal ta' Sannat, il-parroċċa fakkret din dil-ġrajja b'talb għall-vittmi waqt il-quddiesa tas-7.00p.m fil-knisja. Dritt wara kien sar diskors u qari ta' poeżiji tal-okkażjoni u wara tqegħdu kuruni mal-irħama tat-tifkira li hemm fi Triq Dun Xand Aquilina (**ara Bullettin, 27 Ħadd 34 sena (1752) Ott 6, 2002**). F'din l-istess sena l-Kunsill Lokali ħaseb ukoll biex jagħmel mafkar, it-tieni wieħed fir-raħal, b'ġieħ lill-vittmi Sannatin ta' l-10 ta' Ottubru 1942, dawk li mietu u bosta oħrajn li sfaw midruba. Dan sar fuq il-ġibjun tal-Gvern li nbena aktar minn mitt sena ilu fi żmien l-Ingliżi, fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Saguna. Saru arranġamenti biex dan l-ispazju jinbidel fi ġnien rikreattiv imżejjen b'għadd ta' xtieli, bankijiet u fanali u mal-ġenb tiegħu tqiegħed mafkar bl-ismijiet tat-18-il vittma tal-10 ta' Ottubru. Il-ġnien issemma propju għalihom: Ġnien il-Vittmi ta' l-10 ta' Ottubru 1942. Kif hemm imniżżel fuq l-irħama kommemorattiva, dan il-ġnien ta' tifkira ġie inawgurat il-Ħadd tard filgħodu nhar l-24 ta' Novembru 2002 mis-Sindku Anthony Mercieca f'ċerimonja li saret fuq il-post u li għaliha kienu preżenti ħafna Sannatin u oħrajn minn barra r-raħal. Dun Anton Bajada, qassis minn ta' Sannat, kien




*Panella dwar il-Gwerra fil-Pjazzetta Tax-Xelina*






*Il-Monument tal-Gwerra fil-Ġnien 'Vittmi tal-10 ta' Ottubru 1942' fi Triq il-Kbira*



*It-Tifkira li saret fl-10 ta' Ottubru 1992*




*Il-Monument tal-Gwerra fi Triq Dun Xand Aquilina*

għamel diskors tal-okkażjoni, bħala persuna li mhux biss għix fi tfulitu ż-żmien tal-gwerra, imma l-familja tiegħu kienet saħansitra tgħix fil-viċinanzi tat-traġedja.

50 sena wara li seħħ it-tfigħ tal-bombi fuq ir-raħal ta' Sannat, il-parroċċa ħasset li tfakkar dan l-avveniment b'tifkira xierqa, peress li kien għadu qatt ma sar ebda monument biex ikun tifkira dejjiema għalihom. Kien fi żmien l-Arċipriet Dun Tarċisju Camilleri (1988 - 2015) li ttieħdet id-deċiżjoni li ssir irħama bl-ismijiet tat-18-il vittma tal-10 ta' Ottubru 1942, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena minn din il-ġrajja kiefra. Din tqegħdet fuq in-naħa ta' wara tal-knisja parrokkjali fil-bidu ta' Triq Dun Xand Aquilina. Fuqha tqegħdet ukoll biċċa mill-bomba magħmula minn ħadid oħxon li kienet instabet fir-raħal tagħna wara l-gwerra. Dan l-ewwel monument kien inawgurat nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru 1992. L-Arċipriet Dun Tarċisju kixef u bierek l-irħama kommemorattiva u wara sar diskors tal-okkażjoni minn Kelinu Sciberras li kien mhux biss wieħed fost dawk preżenti fit-traġedja imma kien ukoll midrub fiha serjament, tant li baqa' jħoss l-effett tagħha. Fil-Bullettin tal-parroċċa tal-Ħadd ta' qabel, kien sar avviż u stedina għall-okkażjoni b'ritratt tat-tiġrif ta' djar f'ta' Sannat mogħti minn Frank Bezzina minn Victoria li kien l-akbar storiku dwar Għawdex fit-tieni gwerra dinjija (**ara Bullettin, 27 Ħadd no 25 (1231) Ott 4, 1992**).

Wara s-sena 1992 din il-ġrajja tal-gwerra baqgħet ħafna drabi tiġi mfakkra fil-Bullettin tal-parroċċa. Minbarra snin li huma diġa msemmija qabel, inżid wkoll dawn li ġejjin, dejjem fix-xahar ta' Ottubru, imfakkra f'dik il-ġimgħa preċedenti tal-anniversarju: fl-1995 (no 1388), fis-snin 1999 (no 1597) u 2000 (no 1649), bejn is-snin 2004 u 2007 (no 1856, no 1910, no 1962 u no 2271) u bejn is-snin 2009 u 2012 (no 2114, no 2166 u no 2167 - fl-2010 f'żewġt iħdud konsekuttivi), no 2219 u no 2271).

Meta kienet qed toqrob is-sena 1988, li taħbat it-300 sena anniversarju mit-twaqqif ta' Sannat bħala parroċċa, fi żmien l-Arċipriet Dun Nikol Vella (1973 - 1988), kien sar kumitat apposta minn sentejn qabel biex jorganiżża l-festi tri-ċentinarji. Fost il-ħsibijiet tal-kumitat kien li jitwaqqaf monument f'ġieħ il-vittmi tal-gwerra, billi sa dak inhar ma kien hawn ebda tifkira fir-raħal tagħna, kif ukoll jorganiżża quddiesa fil-viċinanzi tal-post tat-



*It-Tifkira li sar fl-10 ta' Ottubru 1987*




*It-Tifkira li saret fl-10 ta' Ottubru 2017*

traġedja. Se nġib l-avviż sħiħ f'dan ir-rigward kif deher fil-Bullettin tal-4 ta' Ottubru 1987: "Sibt: 10.10.87: Illum huwa Għeluq il-Ħamsa u Erbgħin Sena minn meta f'Ta' Sannat kienu waqgħu l-Bombi tal-Għadu u kienu mietu xi parruċċani. Il-Kumitat tal-Festi Ċentinarji Għeluq it-Tlett Mitt Sena minn meta ta' Sannat sar Parroċċa qed jaħdem sabiex isir Monument tifkira ta' dawn ħutna Sannatin li mietu bil-ħidma tal-Għadu. U llum se nagħmlu Funzjoni u quddiesa suffraġju ta' ruħhom fi Triq Dun Xand Aquilina f'nofsinhar" (**Bullettin, 27 Ħadd no 25 (970) Ott 4, 1987**). L-idea kienet li jsir monument forma ta' plier fin-naħa ta' fuq ta' Triq Dun Xand Aquilina, imma ma kienx ħareġ permess għalih. Sadanittant il-kumitat f'għeluq il-45 sena tal-ġrajja, organiżża quddiesa b'suffraġju tal-vittmi fi Triq Dun Xand Aquilina 'l isfel minn Triq Santa Marija. Kien qaddes l-Arċipriet Dun Nikol Vella u għamel ukoll diskors dwar dan l-avveniment. Ħamsa u erbgħin sena wara l-ġrajja kien għadd baqa ħafna familjari tal-vittmi u ta' dawk feruti fl-10 ta' Ottubru, li kienu għadhom ħajjin u li kienu preżenti għal din iċ-ċelebrazzjoni. Jista' jkun li din iċ-ċelebrazzjoni kienet l-ewwel waħda li saret fil-beraħ barra mill-knisja.

Meta kienet tasal il-ġurnata ta' l-10 ta' Ottubru, fil-knisja kienet tissemma din il-ġrajja. Niftakar fi tfuliti lill-Arċipriet Dun Ġorġ Debrincat (1950 – 1973) kien ifakkar f'din it-traġedja fil-quddiesa u jsemmiha f'xi okkażjonijiet oħra.

## Toni Xiberras jirrakkonta t-Tifkiriet

Illum ħamsa u sebgħin sena wara din il-traġedja kbira li seħħet fuq raħalna, in-nies li għixu ż-żmien tal-gwerra qed jonqsu u dawk li forsi jistgħu jirrakkontaw direttament dwar din l-esperjenza huma anqas. Għaliex ħadd minn dawk li għandhom anqas minn tmenin sena, li allura dak li jkun kellu madwar ħames snin, ma jista jirrakkonta b'esperjenza diretta minn dak li ra b'għajnejn jew jiftakar minn dak li ġarrab hu nnifsu dwar dan l-avveniment traġiku. Biex ikollna esperjenza ħajja llum ta' din il-ġrajja bħala tifkira, tkellimt ma' Toni Xiberras fil-5 ta' April li għadda, illum għandu 81 sena u li meta waqgħu l-bombi kellu madwar 5 snin u nofs. Jien għamiltu xi mistoqsijiet biex jirrakkonta minn dak li jiftakar.

## X'tiftakar mill-ġrajja ta' meta waqgħu l-bombi f'Ta' Sannat?



*Toni Xiberras*

Dak kien l-10 ta' Ottubru 1942. Dak konna jien u ħija Kelinu u oħti Margerita, aħna t-tlieta, u konna qegħdin fuq il-bejt intajru l-ħamiema tal-karti għand in-nanna Peppa, fi Triq Saguna, numru 72 jidhirli. Konna qegħdin intajru l-ħamiema f'xi l-10.30a.m. u kienet il-ġurnata tas-Sibt u ħa ngħidlek il-għala kienet il-ġurnata tas-Sibt għax bqajt niftakar. Kelinu kien il-kbir fostna, kellu xi 4 jew 5 snin akbar minni. Hu kien itajjarha l-ħamiema. Jiena forsi kelli 5 snin, u Kelinu kellu xi 9 snin, xi ħaġa hekk. X'ħin bdejna ntajru l-ħamiema rajna żewġ arjuplani ġejjin minn fuq Marsalforn, ġejjin fil-baxx, mhux fil-baxx ħafna u kienu suwed, għax Kelinu qalli dawk suwed, u qalli dawk tagħna, jiġifieri tal-Ingliżi. Huma baqgħu ġejjin għal fuqna, filwaqt li l-ħamiema tal-karti qegħda ttir. Fis-siegħa u l-ħin naraw xi ħaġa nieżla, tleqq ġox-xemx għax kienu xi fl-10.30a.m. Kienu żewġ bombi u waqgħu wara d-dar tan-nanna, in-naħa ta' Main Street, jiġifieri waqgħu ġo l-imnadar. Kien hemm ħarruba kbira nqagħlet u jgħidu li waqgħet il-baħar, taret daqs kemm telgħet fil-għoli u forsi kien ir-riħ, ma nafx x'kien dak in-nhar, u jgħidu li sabuha fil-baħar.

Il-bombi t-tnejn fejn xulxin waqgħu. Il-post tan-nanna fi Triq Saguna, in-naħa ta' wara kien imiss ma' ta'

Salun li kienu bil-forn. Hemmhekk fil-forn mietu n-nies għax fil-forn niżel kollox. Fl-iskola ma mietux ħafna tfal għax inzerta kien is-Sibt, għax waqgħulha s-soqfa. Dik kellha fuq mitejn tfal. L-isqfa biss kienu waqgħu. Ara per eżempju l-post t'ommi kien waqa' kollu (li kien kantuniera mat-toroq Main u Saguna, illum fil-Pjazzetta tax-Xelina), u kien baqa' daqsxejn ta' kamra li kienet tmiss ma' ta' Salun, in-naħa ta' fuq, in-naħa ta' Peppa ta' Marianna; konna ngħaddu minn passaġġ mikxuf min-naħa tal-faċċata tat-triq u konna mmorru fil-kċina. Ommi kienet għada ġejja mir-Rabat jidhirli. Kienu jiġu bil-mixi, dak in-nhar ma tantx kien hawn xarabanks, kienet tiġi waħda kultant; u kienet qegħda tradda lil Ġużepp, kellu xi sentejn, dak twieled f'Awwissu 1940, f'din id-daqsxejn ta' kamra li konna ngħidulha l-kċina, qegħda maqtgħuha għaliha weħidha. L-oħrajn, il-bini l-ieħor kollu waqa'. Din il-kċina ma waqgħetx, is-saqaf ma waqgħax u hawnhekk, il-post tagħna waqa' kollu u warajna. U ommi ma ġralha xejn. Hi kienet għadha ġejja mir-Rabat u aħna konna għand in-nanna, iżżommna n-nanna Peppa.

Fil-post tan-nanna Peppa waqa' kollox, kollox niżel, sal-qatran biex ngħid hekk. Aħna ntradammna. Jiena ntradamt u ksirt saqajja t-tnejn u idi l-waħda, lil Margerit inkisrilha gedduma, damet sitt xhur Malta, St. Luke, jisquha minn mill-gerżuma u Kelinu kellu għarqubu maqtugħ. Kellna liz-zija Klara, xebba, kellha xi sitta u tletin sena, oħt ommi. Din iz-zija Klara kienet fil-kċina isfel. Dak in-nhar kien hawn il-kuċinieri tal-istim, ngħidulhom ta' bi tlieta, bi tlett saqajn, nippompjawlhom u bil-labra. Hi miskina kienet qegħda taqlilna biex imbagħad nidħlu nieklu. Dak in-nhar kulħadd kien irabbi tiġieġ, sriedek, papri u fniek u kienet tiġbor xi żewġ jew tlett bajdiet u taqlihomna, papata chips, dak in-nhar ma konniex ngħidulha chips, insomma patata u ssajrilna u nieklu. Iz-zija kienet isfel fil-kċina u kellha l-ispiritiera taqbad għax kienet qegħda taqli, issajrilhna. Aħna sadanittant konna qegħdin niedħu pjaċir fuq il-bejt. Imma aħna waqajna u Kelinu, kien hemm il-bieba tal-garigorr ġiet fuqu, anzi ma mietx, għax hu kien intradam, kemm kemm kien jidher, kienet tidher idu biss minn ġol-ġebel u jien bqajt fil-wiċċ. Jien inżilt mal-ġebel, ma nżiltx qabel il-ġebel, il-ġebel waqa' kollu qabli taż-żewġ sulari. Jien ma rajtx liz-zija Klara. Jgħidu, miskina, kien daħal ħafna ġebel, kienet isfel, daħal fuq rasha, u rasha ġiet fuq il-kuċiniera tal-istim u ommi tgħid ħarqilha wiċċha, għax il-kuċiniera ma ntfitx mill-ewwel. Iz-zija mietet, kellha xi sitta u tletin sena. Dan kien is-Sibt filgħodu għal xi 10.30a.m., għax għandni niftakar is-Sibt filgħodu, għax dejjem insemmgħu fil-ħanut tal-inbid t'ommi – dak iż-żmien konna bil-ħanut tal-inbid li kien fil-kantuniera fejn hemm il-Bus Stop. Kien hemm anke ta' Peppa ta' Marianna u kien hemm ta' Mikki ukoll fejn hemm ta' Rosina llum. U kumbinazzjoni ommi kienet ħalliet lit-tarbija, lil Ġużepp kienet treddgħu, u ħallietu ġo din il-kamra u hi marret tixtri xi ħaġa mingħand tax-Xelin. Dawn kellhom il-bieb ta' fuq, tal-kantuniera, il-bieb faċċata tagħna, t'ommi, dak kien Victory Kitchen, iqassmu l-ikel lin-nies. U ommi kienet ħarġet u anke n-nanna, immorru jġibu dan tal-Victory Kitchen, ma nafx x'kien jagħtihom, xi ikel, xi kwart ħobż jew ma nafx x'kienu jagħtu, qabel ma waqgħet il-bomba. Huma marru u l-post tax-Xelin ma waqgħax, lanqas ta' Bronoż u tal-Laj, dan ma nafx waqgħalux is-saqaf. Il-post tagħna kien waqa kollu u ta' Salun, peress li l-bomba ġiet wara l-post, ġol-mandra. Hemmhekk kien hemm il-forn. Karmnu l-Baqta (Galea) kienet mitietlu l-mara, għax kien joqgħod hemmhekk fil-qrib, u anke xi tfal. Hu ma kienx hemm, salvat tifla waħda, Dorika s-soru. Il-Baqta kien ħabib ta' missieri, dejjem il-ħanut tagħna, t'ommi; jibki għax kienu mietulu xi tlett itfal, salvat Dorika; naħseb li hi tampari. Mietu ħafna, xi tmintax u mbagħad hemm ħafna feruti.

## Kienu mietu nies ġol-forn?

Kienu mietu ġol-forn. Huma daħħlu jistkennu hemmhekk. Dari kienu jmorru jagħġnu ġol-lembi. Jiġu għalik, jgħidlek ejja ħa tagħġen, ħalli nagħmlu fornata. Kont immur m'ommi, niftakar, issa ma nafx hux qabel jew wara l-gwerra. Inqabbdu hemmhekk u kienu taparsi jistkennu ġol-forn, in-nisa jagħmlu l-kuraġġ b'xulxin. Ir-raġel ikun barra jaħdem fir-raba jew fil-ġebel. Il-Baqta kellu xi tlett itfal li mietu peress li kien joqgħod x'imkien fil-qrib. Għax issa l-bini llum tbiddel. Jien kont għadni żgħir, kont nisma' lil ommi u lil missieri jgħidu x'kien ġara. Kull sena kienu jsemmu, kienu jagħmlu quddiesa fl-10 ta' Ottubru.

## Barra dawn iż-żewġ ajruplani, li kienu Ġermaniżi, rajtu forsi l-ajruplani Ingliżi?

Aħna ma rajniex aktar ajruplani, kienu tnejn suwed. Kelinu kellu xi tmien snin jew għaxra, qal dawn tagħna, kienu suwed. Tefgħu l-balal, imbagħad ġew ġox-xemx ileqqu u ġew bojod, u fis-siegħa u l-ħin niżel il-bini bina; tan-nanna kollu waqa'. Ġew min-naħa ta' Marsalforn, ma ġewx ħafna fil-għoli. Kienu jgħidu li huma ma riedux jitfgħuhom fuq il-familji, fuq in-nies, riedu jarmuhom il-baħar, imma ma laħqux waslu l-baħar. Tefgħuhom daqsxejn qabel ma waslu l-baħar, għax għal daqsxejn ma qabżuniex, ma ġewx ta' Saguna, ġor-raba. Imbagħad aħna morna l-isptar u ma nafx kemm il-ġurnata domna.. Niftakar saqajja t-tnejn, dak in-nhar ma kienux jagħmlu ġibs, kienu għamlu qishom

fettiħa, ma' saqajja weqfin, żewġ biċċiet injam ma' kull sieq, tnejn naħa u tnejn naħa oħra biex iżommuhom dritti u jorbtuhom bil-faxxi u idi marbuta. Lil Margerit kienu ħaduha Malta għax kien inkiser geddumha. Aħna ma mitniex b'dak id-duħħan u dak it-trab li waqa. Jien kont fil-wiċċ, Kelinu ma kienx jidher, idu biss kienet tidher u għarqubu kien inqata: jew kien hemm xi bieba tal-garigorr u qatgħetielu, imma l-għadma ma tajritielux. Ommi tgħid li Margerit damet sitt xhur St. Luke, għax kienu jisquha mill-gerzuma, minħabba l-ħanek biex jgħaqqdilha.

## Naħseb li l-isplużjoni kienet kbira?

Daz-zgur, ta' żewġ bombi, tnejn zgur, u l-ajruplani baqgħu sejrin lejn ta' Saguna, lejn il-baħar, imbagħad fejn marru ma nafx. Ġew fejn xulxin, ġo fina ħabtu. L-aktar li waqgħu tagħna, ta' Salun kellhom il-forn u faċċata tiegħu, in-naħa l-oħra tat-triq u bini ieħor li kien antik.

Dak in-nhar missieri kien jaħdem Għajnsielem, kien bennej u qalulu. Missieri kien imur bil-mixi, filgħodu kmieni u jiġi filgħaxija, forsi fil-ħamsa, ma nafx x'ħin kien jiġi, ma kellux lanqas bicycle, mhux missieri biss u l-ħaddiema li kellu miegħu. Kellu lil Ġużepp Farrugia (il-Ġigant), Datu tal-Istromu (Zerafa), Parelli (Karmnu Gauci); issa dawk ma nafx x'kienu, ma kellhomx karozzi żgur. Xi ħadd niżel Għajnsielem, qalu ta' Sannat waqgħu żewġ bombi u qalu mietu ħafna nies. Missieri qabad qallhom inżarmaw u nitilqgħu ħa naraw weġġax xi ħadd minn tal-familji tagħna. U waqfu mix-xogħol, ma komplewx. Dak in-nhar kienu jaħdmu wkoll is-Sibt, kienu jaħdmu sal-ħamsa jew sas-sitta, ma nafx sew sa x'ħin kienu jaħdmu. Missieru ġie u sab straġi, ommi tgħajjat u tikbi. Imma tal-iskola importanti. Li ma kienx is-Sibt kienu imutu ħafna tfal; is-soqfa waqgħu. Il-ħitan ta' barra ma waqgħux. Ma nafx sew, għandu jkun l-iskola mbagħad niżlet fil-pjazza fid-dar ta' Xiberras.

## Int kont tmur fl-iskola l-qadima hemm fuq?

Jien kont immur l-iskola. Jiena twelid fit-1937 u kelli ħames snin u nofs, (għada kumbinazzjoni ngħalaq 81 sena fit-6 ta' April). Ma nafx jekk kontx immur hawn isfel għaliex domt daqsxejn minħabba saqajja, jekk laħqux irranġaw l-iskola, is-soqfa. Imma l-iskola l-qadima niftakarha jiena, kien jgħallimni Wenzu Xiberras tad-Diq u Marċell Grech. U domt immur. Kienu jiġu tal-Munxar. Dun Salv il-Kanċellier kien dejjem miegħi, dak konna dejjem fl-istess bank, jien u hu minn Stage I sa Standard V, sas-Seminarju.

Jien fil-gwerra niftakar, lanqas naf jekk hux qabel waqgħu l-balal jew wara, kien hemm is-suldati fiha u kienu jiġu l-ħanut tagħna jixorbu nbid. Issa jew wara li waqgħu s-soqfa, u x'ħin irranġawha, ġew xi grupp ta' suldati joqgħodu Għawdex. Niftakar anke ta' Ċenċ kienu jitilgħu. Għax aħna mbagħad ġejna noqgħodu flok Ġużepp tagħna hawn isfel (fil-pjazza), kien il-post ta' missieri wkoll, kien bnih missieri. Niftakar meta konna tfal konna noqgħodu hemmhekk nilgħabu l-ballun taċ-ċaruta, hemmhekk ma jgħaddix traffic, u kienu jiġu s-suldati jimmarċjaw. Niftakar lil Pawlu tal-Lis, kont ngħarfu, kienu jkunu bl-uniformi bis-shorts telgħin lejn ta' Ċenċ, kienu jmorru jimmarċjaw lejn ir-Rabat jew ma nafx minn mnejn, jitilgħu bl-azzarin u aħna konna tfal niġru warajjahom. Issa l-iskola ta' Sannat kienet bis-suldati, issa ma nafx jekk hux wara l-gwerra u lanqas qabel il-gwerra. Imma jien naħseb li wara li jaqgħu l-balal ġew. Fl-iskola kien hemm is-suldati zgur għax kienu jiġu l-ħanut tagħna jixorbu. Dak inhar inbid kienu jixorbu, għax dak inhar ma kienx hawn x'tixrob, inbid u luminata tal-boċċa. Niftakarhom ukoll dawk il-boċċa.

## Ilu kienet issir xi quddiesa fl-10 ta' Ottubru?

Niftakar ilu kien jagħmilha anke lill-Arċipriet Cassar (1926 – 1950). Kienu jgħidu ħa nagħmlu quddiesa għar-ruħ dawk li mietu fl-10 ta' Ottubru. Jien kont abbati. Kien isemmi l-okkażjoni, jgħid bħal-lum tlett snin, erbgħa snin, kienet saret traġedja ta' Sannat u nitolbu għall-erwieħ mejtin. Kien jgħid hekk.

Ommi kienet tgħid, kien ikun hemm xi mara jew raġel jiġbor għall-quddiesa biex nagħmlu quddiesa għall-erwieħ tal-familji tagħna, la naf waħda jew aktar. Ma nafx min kien ikun. Lil ommi nismgħaha tgħid u dan forsi kien għall-ewwel, qabel fl-1950.

Kienet traġedja kbira. Anzi ma mietux it-tfal kollha, kienu jgħidu li kien hemm xi mitejn tifel u tifla minn ta' Sannat u l-Munxar. Is-soqfa waqgħu u forsi ma waqgħux tal-kmamar kollha, imma tat-tieni sular, ta' fuq waqgħu, forsi ma waqax il-faxx kollu. It-travi jkunu tal-injam u jkunu mżaqqin u jċedu daqsxejn u jitqaċċat u imbagħad iwaqqa t'isfel. L-iskola kienet mimlija bit-tfal. Naħseb li s-suldati wara ġew għax kieku kienu jintraddmu. L-iskola kienet għamlet xi żmien fil-pjazza fid-dar ta' Xiberras u ma nafx fejn iżjed. Jien hemmhekk f'ta' Xiberras ma dħalt qatt għax jien naħseb li għamilt xi erbgħin ġurnata jew sittin ġurnata b'saqajja. Dak inhar ma kienux jeħlu malajr. Il-ġibs jagħtik ċans tiġi lejn id-dar. Bla ġibs, għax kienet marbuta minn hawn u minn hawn, naħseb li kont noqgħod id-dar, ma kontx immur skola.

Dwar il-gwerra kien jikteb l-istorja Joe Zammit Ciantar, kien iffissat fuq ta' Sannat u Frank Bezzina wkoll. Jien kelli l-ktieb tiegħu.